MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA
## MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2014

Rikors Numru. 278/2012

**Gauci Automobiles Co Ltd. (C18358)**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment (MFEI)**

It-Tribunal,

**Ra r-rikors** ipprezentat mis-socjeta` rikorrenti li permezz tieghu dan it-Tribunal intalab sabiex jiddikjara li l-istess socjeta` hallset taxxa zejda lill-Gvern fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni **GUC 111** u sabiex l-intimati jew Transport Malta jigu ordnati jirrifondu l-flus imhallsa zejda lill-istess socjeta`;

**Ra r-risposta ta' Transport Malta** fejn gie eccepit is-segwenti:

1. Illi in linea preliminari, ai termini tal-Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta, isem l-Awtorita` intimata huwa l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u ghalhekk ghandha ssir id-debita korrezzjoni.

2. Illi in linea preliminari, dana t-Tribunal mhuwiex kompetenti *ratione materia* biex jisma' u jiddeciedi l-kawza odjerna u dana ghar-raguni li mir-rikors tas-socjeta` rikorrenti jirrizulta li qed tigi kontestata l-metodologija ta' kif jigi mahdum ir-*"Registration Value"* ta' vettura.

3. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana peress illi r-*registration value* u r-registration tax fuq il-vettura GUC 111 huma legali, gusti u ghandhom jigu kkonfermati.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

**Ra r-risposta tal-Ministeru intimat** fejn gie eccepiet illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha ghas-segwenti ragunijiet:

Illi fl-ewwel lok, il-valur li ghandu jithallas bhala `*registration value*' minn persuna li takkwista vettura huwa marbut mad-data tar-registrazzjoni tal-vettura u mhux ma' data ohra precedenti jew ulterjuri ghal dik tar-registrazzjoni;

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward ta' kif gie mahdum ir-*registration value* tal-vettura mertu tal-proceduri odjerni, minn indagini illi ghamel l-esponenti jirrizulta illi r-*registration* value nhadem b'mod gust, u li ghaldaqstant kwalunkwe taxxa mhallsa mir-rikorrenti saret skond il-ligi.

Ra illi fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2013 ir-rikors baqa' differit ghall-provi u trattazzjoni fuq "l-eccezzjoni ulterjuri" sollevata mill-intimati. Illi t-Tribunal josserva li dan il-verbal, fil-verita` sar bi svista peress li l-eccezzjoni ulterjuri tqajjmet biss bhala tali fir-rikors fl-istess ismijiet bin-numri 265/12, 266/12, 269/12, 270/12 u liema rikorsi qeghdin jinstemghu kontestwalment, mentri fir-rikors odjern giet fil-verita` imqajjma fir-risposta tal-Awtorita` intimata permezz tat-tieni eccezzjoni taghha. U ghalhekk, ghalkemm identika ghall-eccezzjoni ulterjuri sollevata fir-rikorsi msemmija iktar 'il fuq, f'din is-sentenza l-eccezzjoni li se tigi determinata hija t-tieni eccezzjoni tal-Awtorita intimata.

Sema' lil Mark Gauci u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghal sentenza preliminari fuq it-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` intimata dwar il-kompetenza tal-istess Tribunal;

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tal-kawza odjerna s-socjeta` rikorrenti qieghdha titlob lil dan it-Tribunal jiddikjara li l-istess socjeta` hallset taxxa zejda fuq vettura uzata u sabiex l-istess Tribunal jordna r-rifuzjoni tal-hlas imhallas zejjed.

Illi **Mark Gauci**, in rapprezentanza tas-socjeta` rikorrenti, spjega illi s-socjeta` rikorrenti timporta karozzi *second hand* sabiex jigu mibjugha fis-suq lokali.

Mistoqsi diversi drabi mid-difensur tal-Awtorita` intimata x'kien qieghed jikkontesta ezattament u cioe jekk hux it-taxxa finali imposta fuq il-vettura jew inkella xi haga ohra, ix-xhud ripetutament iddikjara li huma kienu qed

jattakkaw ir-*registration tax* imhallsa. Fuq domanda diretta tat-Tribunal jekk huwa qabilx mal-valur li tat l-Awtorita` intimata lill-vettura huwa jghid: *"Qatt ma tajt kasu jiena. Jiena naghti kas l-ammont li ghandi nhallas."*

Illi waqt it-trattazzjoni tal-partijiet irrizulta li t-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` intimata hija msejsa fuq il-fatt li skond huma dak li qed tattakka s-socjeta` rikorrenti huwa proprju l-metodologija kif jinhadem ir-*registration value* ta' vettura uzata. Skond l-istess difensuri tal-intimati dan ma jammontax ghal att amministrattiv, b'mod iktar preciz ghal "decizjoni" ai termini tad-definizzjoni li wiehed isib f'artikolu 2 tal-Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta, u kwindi ma jistghax jigi sindikat minn dan it-Tribunal. L-Awtorita' intimata tissottometti li l-mod kif l-istess Awtorita` tasal ghall-valur ta' vettura uzata hija "policy" jew "sistemi" li jekk is-socjeta` rikorrenti trid tikkumbattihom hemm *fora* ohra fejn taghmel dan.

Min-naha l-ohra, id-difensur tas-socjeta` rikorrenti jghid li tali att huwa wiehed amministrattiv u li konsegwentement is-socjeta` rikorrenti ghandha dritt tappella minnu quddiem dan it-Tribunal.

Illi t-Tribunal jinnota li dan il-punt huwa pjuttost wiehed innovattiv u li dan it-Tribunal qatt ma kellu l-okkazzjoni li jidhol fih qabel il-kawza odjerna.

Illi kif irrizulta mix-xhieda ta' Mark Gauci u mid-dokumenti annessi mar-rikors promutur (Dok B u Dok C a fol. 4 u 5) hemm numru ta' elementi li jikkomponu t-taxxa finali ta' registrazzjoni ta' vettura uzata. Dawn principalment huma:-

1. il-valur tar-registrazzjoni tal-vettura
2. it-tul tal-vettura
3. CO2 (g/km)
4. PM (g/km)
5. Euro Standard
6. Engine CC

Illi jigi rilevat illi l-uniku varjant li jista' jaffettwa t-taxxa finali ta' registrazzjoni huwa l-valur moghti mill-Awtorita` intimata lill-vettura uzata. U appuntu din hija l-lanjanza tas-socjeta` rikorrenti li tishaq li stranament il-vettura in kwistjoni giet moghtija valur ta' registrazzjoni iktar oghli minn dak li kienet moghtija precedentement meta fil-fatt l-istess valur kellu jonqos u mhux jizdied.

Illi mill-pagna elettronika tal-Awtorita intimata, f'dik il-parti li tirrigwarda l-valutazzjoni tal-vetturi uzati, jirrizulta illi l-valur tal-vettura jigi stabbilit mill-Awtorita` intimata bil-mod segwenti u cioe:-

*"The registration value of a motor vehicle is the residual cost, including the insurance and freight (CIF), of an equivalent or similar vehicle which was*

*purchased new in Malta and that would pass a VRT Test, is mechanically sound, free of any damages and in its original condition. The formula used to derive the registration value is [Average Used Price x (CIF New/Price New)], where* ***the average used price is calculated by deriving price ratios, combining local consumer prices or opinion values provided by authorised dealers where consumer prices are insufficient and information which is published by CAP Motor Research Ltd. All this information provide a framework for publishing the registration values for the majority of used motor vehicles being brought into Malta. The (CIF New/Price New) ratio is calculated on the basis of information held by Transport Malta****."*[1]

Illi t-test tal-ligi[2], u precizament artikolu 9 (2) tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:-

*"The registration value of a used category M1 motor vehicle, motor cycle, quad bike, quadricycle or classic, vintage or veteran vehicle imported or brought into Malta shall be deemed to be the average market value of identical, equivalent, or similar motor vehicles on the Maltese market,* ***which value shall be arrived at by depreciating the manufacturer's invoice value and also, where applicable, the insurance and freight of such motor vehicle imported or brought into Malta as new or manufactured in Malta to the current Maltese market value"***[3]

Illi ghalhekk dak li jrid jezamina dan it-Tribunal huwa jekk il-mod kif l-Awtorita` intimata tasal ghall-valur ta' vettura uzata jistghax jigi kklassfikat bhala "att amministrattiv" li dan it-Tribunal ghandu kompetenza jissindika.

Illi skond it-tifsira li wiehed isib f'artikolu 2 tal-Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap 490) "att amministrattiv" **jinkludi**[4] *"l-hrug mill-amministrazzjoni pubblika ta' ordni, licenza, permess, warrant, awtorizzazzjoni, koncessjoni, decizjoni jew cahda ta' xi talba maghmula minn membru tal-pubbliku, izda ma tinkludix mizura li ttiehed ghall-organizzazzjoni interna jew ta' amministrazzjoni fi hdan l-istess amministrazzjoni pubblika."* Illi minn din it-tifsira johrog car illi l-istess definizzjoni mhijiex wahda ezawrjenti.

Illi l-att li qieghdha timpunja s-socjeta` rikorrenti, fil-fehma ta' dan it-Tribunal, jaqa' taht l-umbrella ta' "att amministtrattiv" stante li meta johrog il-valur tar-registrazzjoni, l-Awtorita` intimata, fil-verita` tkun qed taghti decizjoni fuq talba ta' individwu jew persuna guridika. Fil-fatt jekk wiehed ihares lejn artikolu 9

[1] Enfasi tat-Tribunal
[2] It-Tribunal qieghed juza t-test Ingliz a fini ta' tqabbil bejn l-istess test u t-test li wiehed isib fil-pagna elettronika tal-Awtorita` intimata
[3] Enfasi tat-Tribunal
[4] Enfasi tat-Tribunal

(2) tal-Att Dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar Ta’ Vetturi Bil-Mutur (Kap 368) u wkoll lejn il-metodu li wiehed isib fil-pagna elettronika tal-istess Awtorita`, jirrizulta car illi biex tasal ghall-valur ta’ vettura uzata l-Awtorita` trid taghmel ezercizzju shih li fl-ahhar iwassalha sabiex tistabilixxi l-valur tal-vettura uzata.

Illi mbaghad artikolu 11A tal-Att fuq imsemmi jaghti d-dritt *“lil kull persuna li tkun hallset jew li ghandha thallas taxxa fuq ir-registrazzjoni ta’ vettura”* li tappella kontra l-ammont ta’ taxxa li tigi mposta fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata mid-data meta dik il-persuna tigi notifikata b’dak l-ammont. L-istess artikolu jkompli jghid illi tali appell ghandu jsir quddiem it-Tribunal *de quo*.

Illi dan kollu isahhah il-fehma ta’ dan it-Tribunal illi jekk il-ligi nnifisha taghti d-dritt lil persuna tappella kontra l-ammont ta’ taxxa ta’ registrazzjoni quddiem dan it-Tribunal li ghandu kompetenza li jirrevedi “atti amministrattivi” allura d-decizjoni li wasslet lill-Awtorita` intimata ghall-valur tar-registrazzjoni tal-vettura *de quo* u li eventwalment wasslet biex inharget it-taxxa finali hija decizjoni ta’ Awtorita` pubblika li tista’ tigi sindikata minn dan it-Tribunal.

Illi li kieku kien mod iehor l-artikolu 11A jigi rez ineffikaci stante li t-taxxa tar-registrazzjoni ghal vetturi bhal dik mertu ta’ dan ir-rikors tinhadem abbazi tal-*“Euro standard, carbon dioxide emissions (CO2)(g/km), particulare matter (g/km) (in the case of diesel engine), registration value and length (mm)”*[5] u jirrizulta li l-uniku varjant huwa fil-fatt il-valur tar-registrazzjoni.

Illi ghalhekk fil-fehma ta’ dan it-Tribunal l-intimati m’ghandhomx ragun li jsostnu li dan it-Tribunal mhux kompetenti biex jisma’ u jiddeciedi dan ir-rikors, u dan stante li rrizulta car kemm mill-fatti u anke minn dak dikjarat mill-Awtorita intimata stess fil-pagna elettronika taghha u anke mil-Ligi nnifisha, li l-Awtorita` fil-fatt kull darba li tkun qed tatribwixxi valur lil vettura uzata tkun fil-fatt qieghdha taghmel **<u>decizjoni</u>** abbazi tal-artikolu 9 (2) tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema decizjoni hija bazata fuq ghadd ta’ kriterji kif elenkati ahjar fil-pagna elettronika taghha stess. Decizjoni li fil-fehma ta’ dan it-Tribunal hija wahda li tista’ tigi sindikata minn dan it-Tribunal.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet fuq premessi qieghed jichad it-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u jordna l-presegwiment tas-smigh tar-rikors.

In vista tal-punt innovattiv trattat f’din is-sentenza, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

[5] Dok. B u Dok C a fol. 4 u 5

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------